# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. MHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' Nhar il-Erbgha 29 ta' Novembru, 2017

**Rikors Numru: 291/2010 JPG**
**Kawza Numru: 16**

**Dr Adrian Delia ID 299369M) u Dr Georg Sapiano (ID 71568M) f'isimhom proprju u in rapprezentanza tad-ditta legali Aequitas Legal**

**vs**

**NetPro Limited (C 24674)**

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors guramentat ta' Dr Adrian Delia u Dr Georg Sapiano proprio et nomine datat 29 ta' Marzu 2010, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk;

1. *Illi ghal perjodu ta' zmien bejn Settembru 2008 u April 2009, is-socjeta' intimata kienet tipprovdi lir-rikorrenti servizzi relatati mal-installazzjoni u manutenzjoni tas-sistema teknologika u informatika tad-ditta legai Aequitas Legal;*

2. *Illi minhabba fit-traskuragni, negligenza u inkompetenza da parti tas-socjeta' intimata, ir-rikorrenti gew imcahhda milli jaccedu ghas-server, ghall-emails u kif ukoll ghall-internet ghal tlett (3) ijiem shah, liema sitwazzjoni rrekat danni konsiderevoli stante illi ma seta jsir ebda xoghol mill-ghaxar (10) avukati li dakinhar kienu jahdmu ma' l-istess ditta legali;*

3. *Illi inoltre, waqt li kien qieghed isir xi xogholijiet, partikolarment waqt li kien qed isiru xi toqob fil-hitan sabiex jigi installat xi apparat, rapprezentanti tas-socjeta' intimata, minhabba negligenza u imperizja, laqtu pipe ta' l-ilma bil-konsegwenza illi meta l-pompa ta' l-ilma nxtelghet xi jien wara, beda diehel fl-ufficcju ammont qawwi ta' ilma li kkawza danni fil-parquet u kif ukoll kellu jieqaf ix-xoghol fl-ufficcju ghal madwar tliet (3) sieghat sakemm is-sitwazzjoni giet relattivament ghan-normali;*

4. *Illi dan it-telf ta' hin minhabba t-traskuragni, negligenza u inkompetenza da parti tas-socjeta' intimata rrizulta f'telf fl-introjtu ta' l-istess ditta legali;*

5. *Illi ghalkemm is-socjeta' intimata giet interpellata diversi drabi sabiex taghmel tajjeb ghad-danni minnha kkagunati, hija baqghet indaempjenti;*

*Ghaldaqstant, tghid is-socjeta' intimata ghalfejn dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna"*

1) *Tiddikjara u tiddeciedi illi x-xoghlijiet relatata mal-installazzjoni u manutenzjoni tas-sistema teknologika u informatika tad-ditta legali Aequitas Legal ezegwiti mis-socjeta' intimata ma sarux skont is-sengha u l-arti;*

2) *Tiddikjara u tiddeciedi illi s-socjeta' intimata hija responsabbli ghad-danni kolli soffrew ir-rikorrenti in konsegwenza ta' l-ezekuzzjoni hazina tax-xogholijiet relatati mal-installazzjoni u manutenzjoni tas-sistema teknologika u informatika tad-ditta legali Aequitas Legal;*

3) *Tillikwida okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi, id-danni sofferti mir-rikorrenti bhala konsegwenza ta' l-ezekuzzjoni hazina da parti tas-socjeta' intimata tax-xogholijiet relatati mal-installazzjoni u manutenzjoni tas-sistema teknologika u informatika tad-ditta legali Aequitas Legal;*

4) *Tikkundanna lis-socjeta' intimata sabiex thallas lir-rikorrenti s-somma hekk likwidata.*

*Bl-ispejjez inkluz tal-prezenti kontra s-socjeta' intimata u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv. Is-socjeta' intimata hija minn issa ngunta in subizzjoni."*

Rat illi l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi.

Rat ir-risposta guramentata tas-socjeta' konvenuta, datata 16 t'April 2010, a fol 9 et seqq., li taqra hekk;

***Jesponi bir-rispett u bil-ġurament jikkonferma Joseph Smart (I.D. 65763M) in rappresentanza ta' l-istess socjeta:***

*<u>EĊĊEZZJONIJIET</u>*

*Illi l-esponent nomine jeċċepixxi bir-rispett:*
*Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li x-xogholijiet u servizzi rezi mis-socjeta konvenuta gew ezegwiti skond is-sengha u l-arti u s-socjeta konvenuta ma hija bl-ebda mod*

*responsabbli ghad-danni allegatament sofferti mill-atturi proprio et nomine.*

DIKJARAZZJONI

*Il-konvenut Joseph Smart (I.D. 65763M) in rappresentanza tas-socjeta konvenuta jikkonferma bil-ġurament is-segwenti fatti li jafhom personalment:*

*1. Illi originarjament l-atturi proprio et nomine kienu inkarigaw lis-socjeta konvenuta sabiex tatihom servizz ta' support u maintenance tas-sistema informatika li huma gja kellhom u dan in sostituzzjoni tal-persuna li kienet tehdilhom hsieb dak iz-zmien.*

*2. Illi sussegwentement l-atturi talbu lis-socjeta konvenuta sabiex taghmlilhom upgrading tas-sistena. Is-socjeta tal-esponent accettat u ezegwiet ix-xogholijiet opportuni u l-atturi wrew is-sodisfazzjoni taghhom ghal dawn ix-xogholijiet u anke hallsu pagamenti akkont.*

*3. Illi xi xhur wara s-socjeta tal-esponenti giet kuntattjata it-Tnejn filghodu peress li l-gurnata ta' qabel (il-Hadd) kien marilhom id-dawl supplit mill-Enemalta u minhabba f'hekk ma setghux ikollhom access ghal files u emails. L-esponent mar mill-ewwel l-ufficcju ta' l-atturi u sab li kien hemm bzonn li tinbidel wahda mill-hard discs li kienet sofriet hsara mill-qtugh tal-kurrent elettriku. Sa erba' sieghat wara l-hardware il-gdida kienet giet istallata u s-sistema setghet tithaddem ghalkemm b'ritmu baxx sakemm is-sistema nnifisha setghet tissinkronizza ruhha wahedha. Tard wara nofsinhar l-atturi regghu cemplu lis-socjeta attrici bl-ilment li ma kienux qed jircievu l-emails. L-esponent rega mar l-ghada filghodu u sab li l-microsoft exchange server (li huwa software) kien ukoll sofra hsara bil-qtugh tal-kurrent elettriku. Peress li l-hsara kienet tirrikjedi espert fil-materja, l-esponent kellu jingagga persuna barranija u l-hsara giet rettifikata sal-gurnata ta' wara. Waqt dan*

*il-perjodu kollu l-atturi u l-impjegati u assocjati taghhom setghu jkomplu juzaw is-sistema regolarment hlief li jircievu u jibghatu emails. Jigi hawn ukoll nutat li s-socjeta esponenti marret mill-ewwel biex tati s-servizz taghha minkejja li ma kien hemm ebda maintenance agreement bejn il-partijiet.*

*4. Illi dwar l-allegazzjoni ta' xi xoghol traskurat li qed jinghad gab influss ta' ilma fl-ufficcju, din l-allegazzjoni saret granet wara li l-atturi allegaw li grat u l-esponent la qatt ma inghata prova dwar x'kien gara effettivament u lanqas inghata prova tad-danni allegatament subiti."*

Rat illi fit-8 ta' Novembru, 2010 gew nominati il-Perit Godwin Abela u Keith Tabone bhala espert fl-Informatika, a fol 29 tal-process;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkonsidrat:**

**Dott. John L. Gauci** xehed illi fit-23 ta'Settembru 2008, meta dahal l-ufficcju, intqal li waqt li s-socjeta konvenuta kienu qed jaghmlu xi xoghol fuq is-sistema informatika, taqqbu kanna ta'l-ilma bir-rizultat li dahal hafna ilma fl-ufficcju ta'Aequitas Legal partikolarment fir-reception area u f'kamra biswit ir-reception area u b'hekk l-ufficcju waqaf jiffunzjona sakemm ingabar l-ilma kollu. Xehed ukoll illi bejn il-15 u s-17 ta'Frar 2009 ma kienx hemm access ghas-server centrali tal-ufficcju w allura ma kienx hemm access ghall-files tal-klijenti, ghall-internet u emails b'dan illi l-emails mibghuta mill-klijenti ma kienux qed jaslu; dan wassal ukoll biex l-ufficcju ma ffunzjonax ghall-tlett ijiem shah b'telf ta'sieghat ta'xoghol. Xehed illi ma kienx jaf bil-qtugh tal-provvista tal-elettriku dak iz-zmien tal-problema fis-server.

**Marilena Grech** xehdet illi fit-23 ta'Settembru 2008 waqt li kienet gol-ufficcju taghha beda diehel hafna ilma minn toqba taht it-tieqa li taghti ghal go *shaft* intern u dan gara meta l-handyman xeghel pompa tal-ilma biex itella' l-ilma ghal fuq it-tank tal-bejt u nduna li l-ilma ma kienx qed jasal pero kien diehel gewwa; xehdet illi flimkien ma ohrajn bdew itellghu il-computers u oggetti ohra li kienu fl-art fuq l-iskrivaniji biex ma jixxarrbux. Qalet illi peress illi kienet niezla x-xita ma ndunawx mill-ewwel li kien diehel l-ilma anke ghaliex il-pajp kien fil-baxx mohbi b'mejda. Kienet ukoll liebsa boots u allura ma hassitx it-tixrib sakemm dahal il-handyman u qalilhom li kien diehel l-ilma u sa dak il-hin l-ilma wasal fir-reception area. Kompliet illi l-interruzzjoni tax-xoghol **damet nofs ta'nhar** u dan ghaliex kullhadd prezenti kien qed jghin igorr karti w computers li kienu fl-art; ma titftakarx ezattament kemm kien hemm nies prezenti u l-anqas minn kienu, u cioe` kienux kollha avukati jew persuni impjegati ohra.

**Lisa Micallef** xehdet illi kienet dahlet fl-ufficcju fejn dahal l-ilma u sabet li l-ilma wasal sal-boardroom; xehdet illi kullhadd ghen biex jingabar l-ilma u dan ghal madwar tlett sieghat. Xehdet ukoll illi xi tlett gimghat wara kien hemm problema bis-server u ma setghux jahdmu ghal madwar tlett ijiem.

**Dott. Nicolette Spiteri Bailey** xehdet illi fit-23 ta'Settembru 2008 ma kienitx l-ufficcju pero meta dahlet tard wara nofsinhar sabet taqlib shih b'kaxxi u files fir-reception area u bramel mal-art u qalula li kien dahal hafna ilma; xehdet illi l-parti l-kbira tal-gurnata tax-xoghol giet mohlija. Xehdet ukoll dwar il-problemi li nqalghu meta kienet qed issir il-migration mis-server l-antik ghal dak gdid li kien gie nstallat minn Netpro u li ghal tlett ijiem ma setghux jaccedu ghall-emails u files tal-klijenti specjalment dawk barranin fejn hi kienet tahdem l-aktar. Xhedet ukoll illi l-problema sabilha soluzzjoni temporanja Tony Cassar u mhux ta'Netpro. Xehdet illi ma kienitx taf bil-qtugh tal-provvista tal-elettriku il-jum qabel ma nqalghet il-problema fis-servers, lanqas ma ftakret illi ftit hin wara l-qtugh, kien hemm access ghall-files. Xehdet illi fil-kaz taghha ma setghetx tahdem sew ghal tlett ijiem peress illi l-problema tal-emails giet rezolta fl-ahhar u minghajr emails ma kkomunikatx mal-klijenti.

**Dott. Jonathan Thompson** xehed illi hu kien jahdem fl-ufficcju fejn dahal l-ilma, sema l-hoss tal-ilma pero haseb li kienet ix-xita w kien il-handyman li mar jghidlhom li xeghel il-

pompa minn isfel pero l-ilma ma kienx qed jasal fit-tank fuq il-bejt u kien qed ifittex fejn kien sejjer. Fil-fatt l-ilma kien diehel minn toqba fil-hajt li kienet itaqqbet recentement minn xi niex tan-Netpro li kienu qed jghaddu xi cables tan-networking. Xehed illi ftakar li wiehed mill-haddiema kien ixxabbat fuq il-bitha biex jiggwida lil siehbu li kien qed itaqqab il-barra minn taht mejda w f'hin minnhom il-haddiem li kien qed jixxabbat waqqaf li siehbu w qallu biex jaghmel toqba ohra. Spjega illi l-interuzzjoni fix-xoghol damet nofs ta'nhar sakemm ingabar l-ilma u tnehhew il-files u l-computers; xehed ukoll li dak iz-zmien ma kellux warrant ta'avukat. Qal ukoll illi ftit gimghat wara minhabba problema fis-server kellhom jieqfu mix-xoghol tlett ijiem peress illi l-emails, l-internet u l-access ghal files ma kienx possibbli w allura ma kienx hemm kommunikazzjoni mal-klijenti.

**Dott. Adrian Delia** xehed illi hi kien *partner* tad-ditta Aequitas Legal u f'2008 kienu ngaggaw lil Netpro biex jinstallaw server gdid li kellu jkun fir-raba sular tal-blokk u jigi konness mat-tieni sular tal-istess blokk permezz ta'cables. Xehed illi Netpro qabbdu w ghamlu l-installazzjoni w fil-process taqbu xi kanna tal-ilma minghajr ma qalu lil hadd u meta nxtelghet il-pompa l-ilma dahal fl-ufficcju w kkawza hsara materjali fil-parquet u telf ta'xoghol ghal madwar erbgha sieghat. Xehed illi ma ntalabx hlas ta'danni lil Netpro izda intalab li din taghmel assikurazzjoni sabiex tilqa ghall-problemi li setghu jinqalghu fil-futur, madankollu l-assikurazzjoni ma saritx.

Xehed ukoll dwar meta waqaf jahdem is-server il-gdid li kienu nstallaw Netpro u li kkawza waqfin mix-xoghol ghall-ufficcju kollu ghal madwar tlett ijiem; xehed li wara li Netpro ma setghux isibu soluzzjoni, kien biss l-intervent ta'Tony Cassar li wara siegha biss irnexxilu jsib soluzzjoni biex jirristawra l-access ghall-emails u jirkupra certu emails mitlufa kif ukoll li jintbaghtu emails. Spjega illi ppruvaw jilhqu kompromess ma Netpro biex jaghmlu tajjeb ghad-danni sofferti minhabba l-problema tas-server billi l-bilanc dovut lil Netpro jigi pacut mad-danni sofferti pero ma ntlahaqx ftehim. Xehed illi ghall-ewwel Netpro kienu accettaw din il-proposta pero xi zmien wara gew interpellati ghall-hlas li sar mertu ta'kawza separata.

Spjega illi fil-gurnata in kwistjoni kien dahal fl-ufficcju ghal habta tad-disgha ta'filghodu u sab lill-impjegati fi stat panikuz, ikkalmhom u wara li hassar l-appuntamenti tal-gurnata beda jigbor l-ilma u dan sa'qisu s-siegha ta'wara nofsinhar, sadanitant l-ufficjju kien maghluq b'sinjal fuq il-bieb. Xehed illi wara li ngabar l-ilma bdew jaraw xi hsara saret lill-

parquet u l-ghamara antika fil-boardroom. L-ufficcju infetah ghan-nies aktar tard wara nofsinhar. In kontroezami kkorrega ruhu w xehed illi dahal l-ufficcju fil-hdax u nofs ta'filghodu.

Qal illi ma kienx jaf kienx hemm *maintenance agreement* ma'Netpro ghaliex l-informatika ma kienitx responsabilta tieghu, u spjega kif il-pretensjoni tar-rikorrenti kienet maqsuma u cioe b'referenza ghal Dok J kien hemm spejjez inkorsi mid-ditta fl-ammont ta'€4,483.98 u nuqqas ta'billing fl-ammont ta'€20,000. Xehed li dan kollu kien dettaljat fuq l-istess dokument. Zied illi l-problema principali ma kienitx il-*flooding* u cioe d-dhul tal-ilma imma l-incident ta'meta ma hadimx is-server meta hadd ma seta'jaccedi ghall-emails ecc.

**Dott. Georg Sapiano** xehed illi Netpro gew inkarigati biex jinstallaw sistema li tippermetti l-avukati kollha li jahdmu mad-ditta jaccedu ghal gol-*inbox* tal-*Outlook* minn fuq *laptops* u *handheld devices*. Xehed illi Netpro ssuggerew sistema msejha *Exchange* li biex tigi implementata kien jehtieg server gdid fir-raba'sular tal-blokk Valletta Buildings li jigi konness permezz ta'*cables* mat-tieni sular tal-istess blokk fejn jahdmu l-maggoranza tal-avukati impjegati mad-ditta. Xehed illi Netpro, minn jeddhom, qabdu w nstallaw is-sistema u ghaddew il-cables minghajr ma kkonsultaw ma xi hadd mid-ditta u f'dan il-process taqbu xi kanna tal-ilma minghajr ma nfurmaw lil hadd. Xehed illi meta nxtelghet il-pompa tal-ilma dahlet kwantita kbira ta'ilma fit-tieni sular li harbtet l-ufficcju ghal madwar erba'sieghat. Spjega illi ma talbux hlas tad-danni materjali lil Netpro pero talbuhom biss jipprovdu polza ta'assikurazzjoni kontra hsarat futuri, din il-polza qatt ma saret. Xehed in kontroezami illi a volja ma ntalabx kumpens minghand Netpro kien hemm il-possibilta li d-danni jigu rkuprati mill-insurance anke retroattivament fil-kaz tad-dhul tal-ilma pero qatt ma nghata *waiver* tad-danni lil Netpro.

Xehed dwar meta waqaf jahdem is-server u tharbat ix-xoghol tal-ufficcju ghal total ta'tlett ijiem peress illi ma kienx hemm access ghall-files, ghall-emails u ghall-internet u minghajr dawn ma setghgux jiffunzjonaw. Spjega illi Netpro ma setghux isolvu l-problema w ssejjah Tony Cassar li sab soluzzjoni w access ghall-emails. Xehed ukoll illi huma ppretendew xi forma ta'kumpens minghand Netpro w ssuggerew li ssir tpacija mal-bilanc li kien fadal favur Netpro mal-ammont ta'danni sofferti mid-ditta; xehed illi din l-offerta ghall-ewwel giet accetata pero ftit wara ircevew interpellazzjoni ta'hlas li hu mertu ta'kawza ohra.

Qal illi s-sistema nstallata minn Netpro fil-fatt hadmet pero sabu wara li ma kienx hemm *backup*. Xehed illi wara sar jaf li din kienet l-ewwel darba li Netpro installaw is-sistema ta'*Exchange*. Kompla illi dakinhar tad-dhul tal-ilma ma kienx fl-ufficcju w lanqas ma jaf minn kien hemm prezenti. Rigward il-lost billing, dan kien jikkoncerna biss l-hin mitluf meta waqaf jahdem is-server u kkonferma l-komputazzjoni mahduma w pprezentat minn Dott. Adrian Delia.

Spjega wkoll illi ma kienx hemm *maintenance and service agreement* ma Netpro; kien hemm biss ftehim verbal *ta'service "on a call out basis*"; xehed illi ma setghax jghid jekk il-problema li nqalghet kienitx wahda ta' "*software*" jew *"hardware*", jaf biss li kellhom waqfien fis-servizz ghal tlett ijiem li gie rimedjat meta ssejjah Tony Cassar. Lanqas ma kien jaf jekk il-hsara gratx minhabba "*power surge*" wara qtugh tal-provvista tal-elettriku.

**Dott. Anita Fenech** xehdet illi fit-23 ta'Settembru 2008 kienet fl-ufficcju taghha meta semghet li xi hadd jghajjat li kien diehel l-ilma fl-ufficcju biswit taghha u meta harget sabet l-ilma anke fir-*reception area*. Kellha titlaq ix-xoghol u tmur tghin lill-kollegi taghha biex jigbru w jixxuttaw l-ilma ghax kien hemm kwantita` kif ukoll jigbru l-oggetti li kien hem mal-art. Xehdet ukoll dwar it-tlett ijiem meta ma ffunzjonax is-*server* u ma kellha ebda kommunikazzjoni mal-klijenti minhabba li ma setghetx tircevi jew tibghat *emails*.

**Tony Cassar** xehed illi hu kellu socjeta li taghmel *web design* u *networking* u li sija l-atturi kif ukoll is-socjeta konvenuta kienu klijenti tieghu. Xehed illi ohtu kienet avukat tahdem fl-ufficcju ta'Aequitas Legal. Xehed illi kien jaf li s-socjeta konvenuta installat sistema ta' "*networking*" u "*cabling*" fl-ufficcju tal-atturi, kif ukoll issupplixxithom xi "*hardware".* Spjega illi r-rikorrenti kkuntatjawh biex jghidulu bil-problema fuq is-server il-gdid, li ma kellhomx internet u email. Xehed illi kien issuggerixxa lit-tekniku tan-Netpro li kien fuq il-post biex jaghmel "*bypass" tas-"server*" il-gdid, li jidher kellu problema bil-*"hard disc*" li fil-fatt gie mibdul. Waqt il-"*backup*" fuqu xorta baqghet il-problema tal-"*emails*", pero` **il-*file sharing* u *networking* kien diga gie jahdem qabel l-intervent tieghu.** Xehed illi wara li gew solvuti l-problemi kollha kien issuggerixxa lill-atturi biex jigu nstallati certi sistemi ta'sikurezza w "*backup*" biex tigi evitata problema simili fil-futur.

Xehed li kien prezenti meta saret laqa fl-ufficcju tieghu bejn l-atturi u Netpro biex jigu identifikati r-responsabiltajiet ta'minn kienu u l-kumpens dovut, pero` ma ntlahaq ebda

ftehim. Qal illi ma kienx jaf lil Clint Buhagiar pero ma eskludix li dan kien prezenti flimkien ma Dennis Farrugia u seta kien il-kaz li s-suggeriment ta' "*temporary emails*" permezz tas-sistema mdaemon fuq server alternattiv kienet fil-fatt ta'Clint Buhagiar u din hadmet billi l-"*emails*" setghu jigu rcevuti w mibghuta. Xehed illi ma kienx prezenti meta saret din il-bidla temporanja. Xehed ukoll illi qalulu li kienet marret il-provvista tal-elettriku il-gurnata ta'qabel pero ma kienx cert dan hux relatat mal-fatt li mar il-*"hard disc*", seta kien il-kaz li "*power surge*" taghmel hsara simili.

**Joe Smart**, direttur tas-socjeta ntimata Netpro Limited, xehed illi Netpro intalbet kwotazzjoni minn Aequitas Legal ghal *support and maintenance* tal-*IT systems* li diga kellhom u nharget quotation datata 9 ta'Settembru 2008 li kienet tinkludi wkoll "*upgrading*" tas-sistema, din giet accettata u sa'l-ahhar ta'Ottubru 2008, Netpro kienet fornit l-apparat kollu u sarilhom pagament akkont ta'€3,800. Xehed illi huma taw garanzija biss fuq il-"*hardware*".

Spjega illi f'Dicembru 2008 Aequitas Legal qabbdithom icaqalqu l-apparat kollu mit-tieni sular fejn kien originarjament installat ghar-raba'sular tal-blokk u sa dakinhar, Netpro qatt ma gew infurmati bl-incident tal-*flooding* jew li giet ikkagunata hsara. Xehed illi Netpro baqghu jaghtu servizz lil Aequitas Legal sa'Mejju 2009 u dan ghaliex Aequitas Legal baqghet tinsisti fuq certu tip ta'insurance li kienet se tiswa lil Netpro ammont li s-socjeta konvenuta ma setghetx thallas. Kien biss wara nofs Frar 2009 u cioe wara li nqalghet il-problema tas-"*server*" li sar jaf li kien dahlilhom l-ilma u kkaguna hsarat u dan sitt xhur qabel. Xehed illi f'laqgha li saret ma Dott. Sapiano wara l-15 ta'Frar 2009 intalbu l-insurance li huma ma kellhomx ghal dak l-iskop specifiku w f'din il-laqgha intqal lilhom li Aequitas kienu se jfittxuhom ghad-danni li sofrew minhabba l-problema tas-*server* u mhux tal-ilma.

Dwar il-problema li nqalghet fis-server xehed illi meta rceva telefonata minn Marilena Grech mar immedjatament fl-ufficcju ta'Aequitas ghal habta tad-disgha w nofs ta'filghodu tas-16 ta'Frar 2009. Xehed illi bil-kunsens ta'Dott. Delia ha s-server fil-workshop fejn sab li wiehed minn tlett *hard discs* kien mar u bidlu w rega' ha s-*server* lura l-ufficcju fejn xeghlu u hallih jibbildja, process li jiehu certu zmien pero fil-frattemp l-ufficcju seta'jahdem, **dan kien fis-saghtejn ta' wara nofsinhar tal-istess gurnata.** Xehed illi baqa hemm sakemm ra li kollox qed jiffuzjona imbaghad telaq. Kompla meta rega qabbad is-

*server* mal-UPS (*uninterrupted power supply*), mill-*log file* tal-computer imqabbad mal-UPS seta'johrog l-informazzjoni li gurnata qabel u cioe` il-Hadd 15 ta'Frar 2009 kien hemm qtugh fil-provvista tal-elettriku w li dan gie kkonfermat minn Marilena Grech u l-*handyman* tal-blokk.

Xehed ukoll illi fil-hamsa ta'wara nofsinhar tas-16 ta'Frar 2009 regghu cemplulu mill-ufficcju tal-Aequitas Legal biex jghidulu li kellhom problema bl-*emails* u baghat lil Dennis Farrugia peress illi kien aktar tekniku fuq is-*software*, eventwalment Dennis Farrugia gab lil Clint Buhagair li kien il-persuna li issettjat is-sistema tal-*email* fuq dan is-*server* u l-problema giet rezolta nhar l-Erbgha 18 ta'Frar 2009 ghal habta ta'bejn l-erbgha w l-hamsa ta'wara nofsinhar. Xehed illi ghal dan is-servizz Netpro ma baghtitx kont. Dwar il-"*maintenance agreement*" li kien originarjament offrut minn Netpro izda Dott. Sapiano ma werix interess fih. Ghalhekk qatt ma kien hemm *maintenance agreement* bejn Netpro u Aequitas Legal.

**Dennis Farrugia**, ex-direttur tas-socjeta ntimata Netpro Limited, xehed illi flimkien ma Joe Smart kienu ffurmaw is-socjeta Netpro Ltd biex tforni u taghti servizz fuq "*computer hardware*" avolja kienu wkoll jiehdu hsieb "*operating systems*" ta' "*software*" bhal "*Microsoft Windows*" u "*Office*" u "*standard applications*" simili li jigi mal-"*hardware*" pero mhux "*software*" specjalizzat. Ikkonferma li f'Settembru 2008 gew imqabbdin mill-Aequitas Legal biex jsir xoghol ta' "*cabling*" u nstallazzjoni ta' "*computers*" bejn it-tieni u r-raba' sular tal-blokk fejn kienu l-ufficini taghhom u li dan ix-xoghol sar f'gurnata u kien jinvolvi toqob fil-hajt tax-xaft biex jaghddu *cables* minn barra. Kkonferma wkoll illi f'Dicembru 2008 regghu gew imqabbdin biex jaghmlu nstallazzjoni fir-raba'sular u jmexxu s-*server* principali mit-tieni ghar-raba'sular. Sa dakinhar ma semghu xejn dwar l-incident tal-ilma.

Dwar il-problema li nqalghet fi Frar 2009 fis-*server* spjega illi meta mar fuq il-post sab li Joe Smart kien diga bidel il-*hard disc* u li kienu qed jistennew l-"*operating system*" tillowdja peress illi dan jiehu certu zmien u fil-fatt sa's-sebgha ta'filghaxija dan sar. Xehed illi meta mar fuq il-post l-ghada it-Tlieta 17 ta'Frar sab li l-*files* u l-*internet* kienu accessibbli w sar jaf li l-Hadd ta'qabel kienet inqatghet il-provvista tal-elettriku. Xehed illi l-"*email exchange*" ma kienx qed jahdem u sakemm dan issewwa ha mizura temporanja billi qabbad il-"*work stations*" u l-"*users*" kollha biex ikunu jistghu jibghatu "*emails*".

Xehed illi f'certu hin tfacca Tony Cassar li ssuggerilu jaghmel "*mail server*" separat bhala mizura temporanja. Xehed illi tul nhar it-Tlieta kollu baqa'jipprova jsolvi l-problema pero ma rrnexxilux u baghat ghal Clint Buhagiar li l-ghada l-Erbgha rnexxilu jsolvi l-problema.

Xehed ukoll illi sad-data tal-problema tas-server kienu thallsu zewg pagamenti minghad Aequitas Legal fl-ammonti ta'€3,800 u €4,500 u kien baqa'bilanc ta'€7,000. Dwar il-laqa' li kellhom hu u Joe Smart ma' Dott. Sapiano u Dott. Delia xehed illi din kienet saret ftit wara li ssolviet il-problema tas-*server* u fiha issemma l-ewwel darba l-incident tal-ilma li sa dakinhar ma kienux jafu bih. Xehed illi l-laqgha saret pjuttost imqanqla w Dott. Sapiano qal li kien se jfittixhom ghal-danni konsiderevoli w li misshom ghamlu insurance biex jkopru l-klijenti.

**Clint Buhagiar** xehed illi hu *IT engineer* u konsulent tas-socjeta konvenuta Netpro Ltd u f'2008 kien gie nkarigat jinstalla sistema maghrufa bhala "*Microsoft Exchange Server 2003*" ghand Aequitas Legal. Xehed illi s-sistema kienet giet installata w hadmet. Spjega illi ftit xhur wara cempillu Dennis Farrugia biex jaghtih assistenza fuq is-sistema tal-Exchange Server li ma kienitx qed titla w l-"*information store*" ma kienx qed jistartja. Xehed illi meta mar sab problema fil-*mailboxes u "corruption*" fl-"information store" u dan jista jigi kkawzat minn diversi affarijiet fosthom qtugh fil-provvista tal-elettriku waqt li jkun qed jintuza l-"*information store*" u s-*server* jintefa f'daqqa wahda w allura ma jkunx hemm cans li jintefa kollox kif suppost u jikkorrompi l-*information store*.

Xehed ukoll illi sab il-"*fault*" u beda l-process biex issewwi pero peress illi kien se jkun fit-tul u fil-frattemp ried li l-klijent jkollu access ghall-emails u jkun jista jircevi w jibghat emails, installa sistema temporanja ta'email tissejjah mdaemon u l-ufficccju ta'Aequitas Legal setghu jahdmu. Xehed illi matul il-lejl halla s-sistema propja tibbildja biex tigi ghan-normal u li l-Erbgha filghodu mar ghand l-Aequitas Legal ma Dennis Farrugia u raw li din startjat normalment u regghu qalbu kollox fuqha w nehhew is-sistema temporanja tal-mdaemon. Xehed illi ghal dan ix-xoghol thallas min Netpro.

**Ikkonsidrat;**

Fir-relazzjoni taghhom, il-Periti Teknici mahtura mill-Qorti ghamlu s-segwenti kostatazzjonijiet[1]:

1. Is-server kien ilu jindika probabbilta` ta' *hard disc crash* sa minn tlett gimghat qabel ma' gara l-fatt u li hadd mill-ufficcju tal-atturi ma ha konjizzjoni ta' dan;
2. Il-*hard drive* f'bay 2 kien gie mibdul b'wiehed gdid; id-drive difettuza inzammet fuq il-post. L-espert tal-informatika rrelata illi ma setax janalizza id-*disc drive* difettuza li giet mibdula w li l-ebda data ma setghet tigi rikoverata, u li inoltre meta staqsa kienx hemm *backups* biex jirrestawra l-*access logs,* dawn ma kienux disponibbli.
3. Huwa plawsibbli illi l-persuni mqabbdin mis-socjeta ntimata taqbu kanna tal-ilma waqt li kienu qed itaqqbu l-hajt avvolja wiehed minnhom kien qed jixxabbat fuq il-bitha interna biex jiggwida lill-iehor u kien ghalhekk li gielu jaghmel toqba ohra ghax induna li l-ewwel toqba taqbet ukoll il-kanna tal-ilma.

Huwa principju kostantament abbracjat fil-gurisprudenza tal-qrati Maltin illi r-rapport ta' perit tekniku ma jigix facilment skarat. Kif jinghad fis-sentenza fl-ismijiet **Mark Farrugia et vs Michael Arthur Williams et noe** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-28 ta' Jannar 2005:

> "*...f' materja ta' valur ta' prova dwar ir-rapport tekniku l-insenjament gurisprudenzjali huwa fis-sens li, ghalkemm ir-rapport tekniku huwa kontrollabbli mill-gudikant bhal kull prova ohra u l-Qorti mhix tenuta li taccetta l-konkluzzjonijiet peritali kontra l-konvinzjoni taghha,* ***il-giudizzio dell'arte kif espress mill-perit tekniku m'ghandhux jigi skartat sakemm ma jkunx jidher sodisfacentement illi l-konkluzzjonijiet peritali huma, fil-kompless kollu tac-cirkostanzi rragjonevoli. Il-Qorti m' ghandhiex tiskarta il-konkluzzjonijiet tal-espert, specjalment fuq materja purament teknika, b' mod legger jew kappricciuz. Il-konvizjoni kuntrarja taghha ghandha tkun "informata u bbazata***

[1] Il-Qorti m'hijiex ser tiehu konjizzjoni tal-kostatazzjoni rigward il-tnehhija tal-*access logs,* u dan peress illi m'hemmx provi sufficjenti rigward min kien responsabbli ghal dan it-thassir.

> ***fuq ragunijiet li gravament ipoggu fid-dubju dik l-opinjoni teknika"*** *[App.C.Giswarda Bugeja vs Emanuele Muscat [1967] Vol.LI.I.390; u App.C. Philip Grima vs Carmelo Mamo – 29 Mejju 1998]. Multo magis meta, bhala fil-kaz prezenti, fl-assenza ta' rapport ta' perizji perizjuri li jghid il-kuntrarju, jew idghajjef ilkonkluzzjonijiet tal-perit tekniku.*"

Fuq l-istess linja ta' hsieb, fis-sentenza fl-ismijiet **Perit Arkitett u Inginier Civili Frank Giordemaina Medici noe vs Pio Camilleri** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-30 ta' Ottubru 2003 intqal illi:

> "*...f'materja ta' perizja teknika japplika l-principju li "**sakemm ma jigux indikati oggezzjonijiet gravi u serji ta' piz li jinducuha li tissostitwixxi l-gudizzju taghha ghal dak tekniku, dan ma taghmlux**" - "Dingli Estates & Co. vs Mangion", deciza minn din il-Qorti fit-30 ta' Mejju, 2002.*"

Fis-sentenza fl-ismijiet **Emanuel Grech vs Carmelo sive Charles Farrugia et** deciza mill-Qorti tal-Appell fis-7 ta' dicembru 1994 gie irrilevat illi

> "[i]*l-kumpanija appellanti ma tistax tippretendi li din il-Qorti, xjenza proprja, tista' tiddipartixxi minn dak il-metodu li adotta l-perit tekniku nominat mill-ewwel Qorti.....**Kien l-obbligu preciz taghha li taghmel il-provi teknici necessarji...ghaliex meta taghmilhom...il-Qorti tkun f'posizzjoni li tipparaguna u taghzel.***

Fuq vena simili, fis-sentenza fl-ismijiet **Paul Grech et vs Lawrence Grech et** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-25 ta' Settembru 2003 intqal illi:

> "*...bil-ligi u b'harsien tal-massima dictum expertorum numquam transit in rem judicatam, il-Qorti mhix marbuta li taccetta l-konklużjonijiet tar-rapport tal-perit mahtur minnha kontra l-konvinciment taghha nfisha. Imma **l-fehmiet ta' perit mahtur minn qorti u maghmula f'rapport imressaq minnu m'humiex***

> ***semplicement opinjonijiet iżda jikkostitwixxu prova ta' fatt, specjalment f'oqsma fejn il-hatra tkun dwar hwejjeg teknici. Fehmiet bhal dawk m'ghandhomx, l-aktar fejn parti ma tkunx irrikorriet ghall-hatra ta' periti addizzjonali, tigi mwarrba kif gieb u lahaq, sakemm ma jkunx jidher soddisfacentement li tali fehmiet huma, fil-kumpless kollu tac-cirkostanzi, irragonevoli***."

Rigward l-oneru ta' prova f'dawn it-tip ta' azzjonijiet, gie irrilevat fis-sentenza fl-ismijiet **Victor Mangion et vs Raphael Aquilina et** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fid-9 ta' Marzu 2005 illi:

> "[m]*ill-istess natura ta' azzjoni bhal din,* ***iz-zewg kontendenti huma bla dubju gravati bil-prova li jiddemostraw l-estensjoni tal-fond rispettiv taghhom. Hawnhekk ma japplikax il-principju "actore non probante, reus absolvitur"*** *in kwantu stante il-karattru "vindicatio duplex incertae partis", il-konfini jrid jigi determinat in relazzjoni ghal dawk l-elementi probatorji li jkunu jidhru attendibbli."*

Il-Qorti takkolji r-rizultanzi tal-Periti Teknici, taddotahom u taghmilhom taghha ghajr ghal kif ser jinghad.

**Ikkonsidrat;**

Il-Periti Teknici mahtura mill-Qorti ikkonkludew illi l-ewwel talba tar-rikorrenti m'ghandhiex tigi milqugha u dan ghaliex:

> "…*kif jirrizulta mill-provi w l-konsiderazzjonijiet maghmulin minnhom f'paragrafu 6 l-installazzjoni tas-sistema teknologika u informatika fl-ufficcju tal-atturi mis-socjeta konvenuta kienet fil-fatt installata skond is-sengha w l-arti w li ghal perijodu mill-ahhar ta' Ottubru 2008 sa' s-16 ta' Frar 2009 saret il-fornitura tal-apparat u software u giet installata s-sistema, liema sistema*

> *hadmet minghajr xkiel; fir-rigward tal-manutensjoni tal-istess jirrizulta li ma kienx hemm ftehim jew kuntratt ta' manutensjoni w li din kienet qed issir fuq bazi ta' on call basis. Ghaldaqstant it-talba ma ghandix tigi milqugha.*"

Ghalkemm ir-rikorrenti jirreferu ghal din il-konkluzjoni bhala biss il-konkluzjoni tal-Perit Godwin Abela, fil-verita jidher mir-rapport illi din il-konkluzjoni hija **taz-zewg** periti teknici mahtura mill-Qorti u mhux tal-Perit Godwin Abela biss.

Il-Qorti pero' taqbel mar-rikorrenti illi l-konkluzjoni tal-Perit Teknici illi l-ewwel talba m'ghandhiex tigi milqugha m'hijiex kompletament korretta. Kif inghad aktar il-fuq, il-Periti Teknici ikkonkludew illi l-haddiema tas-socjeta ntimata kienu rresponsabbli fix-xoghol taghhom meta taqbu l-kanna tal-ilma waqt li kienu qed jaghmlu toqba fil-hajt u ma avzawx lir-rikorrenti b'dan. Dan ifisser illi kien minhabba l-agir tal-haddiema tas-socjeta ntimata illi r-rikorrenti ma setghux jipprevjenu l-incident ta' meta dahal l-ilma, u dan huwa kompletament imputabbli lis-socjeta ntimata.

Skont l-Artikolu 1032 (1) tal-Kodici Civili,

> ***"[j]itqies fi htija kull min bl-eghmil tieghu ma juzax il-prudenza, id-diligenza, u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja."***

Dan l-Artikolu imbaghad ikompli jippreciza permezz tat-tieni subinciz li hadd ma jista' jkun responsabbli:

> ***"…ghall-hsara li tigri minhabba nuqqas ta' prudenza, ta' diligenza jew ta' hiseb fi grad akbar.'* Kif gie rilevat mill-Qorti tal-Appell, *'f'kazijiet ghad-danni 'hemm bzonn li tigi mistharrga r-responsabilita` o meno [tal-intimat] ghal dak li sehh, b'mod li jekk ebda negligenza ma tista' tinsab [fl-intimat], allura ghand[u] [j]igi mehlus minn kull responsabbilita.'"*** [2]

---

[2] **Joseph Busuttil vs Angelo Xuereb et**, Qorti tal-Appell Civili (27 ta' Frar 2009).

Il-Qorti tqis illi l-fatt li s-socjeta' intimate naqset li tigbed l-attenzjoni tas-socjeta' rikorrenti bil-hsara li wettqet, cioe' it-toqba fil-kanna, is-socjeta ntimata naqset milli tuza l-prudenza u d-diligenza u l-hsieb ta' *bonus pater familias* u huwa ghalhekk illi d-danni sofferti mir-rikorrenti fir-rigward tal-ingress tal-ilma huma unikament imputabbli lis-socjeta ntimata, galadarba dawn id-danni saru bi htija taghha skont il-ligi. Il-punt mqajjem mis-socjeta ntimata fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, u cioe illi r-rikorrenti damu sitt xhur qabel ma semmew dan l-incident lis-socjeta ntimata, ma jistghax jezimi lis-socjeta ntimata mir-responsabbilita taghha.

Fir-rigward tal-kwistjoni illi tas-*server* pero, il-Qorti rat illi, mill-kostatazzjonijiet tal-Periti Teknici, jirrizulta illi l-allegazzjoni tar-rikorrenti illi s-sistema ma gietx installata skont l-art u s-sengha, hija nfondata. Kif intqal iktar il-fuq, din hija materja ta' natura teknika u allura l-Qorti ma tistax b'mod legger tiskarta l-kostatazzjonijiet maghmula minn esperti teknici. Quddiem il-Qorti ma tressqet l-ebda prova illi l-konkluzjoni tal-Esperti Teknici f'dan ir-rigward m'hijiex affidabbli. Wara kollox, il-fatt illi kien hemm xi hsara, ma jfissirx necessarjament u awtomatikament illi l-installazjoni ma kienetx saret skont l-arti u s-sengha, u dan *multo magis* meta rrizulta illi kien hemm qtugh fill-provvista tal-elettriku li seta' kkaguna hsara fil-*hard drive* tas-*server*, u aktar u aktar meta r-rikorrenti injoraw avvizi illi kien hemm probabbilita kbira ta' *hard drive crash* u ma talbux lis-socjeta ntimata biex isiru l-verifiki necessarji biex tipprevjeni dan.

Inoltre, il-Qorti rat illi ma kien hemm l-ebda ftehim rigward manteniment tas-sistema bejn il-partiiet, u dan ghaliex, kif jirrizulta mix-xhieda, ir-rikorrenti ppreferew illi s-servizzi tas-socjeta ntimata jigu prestati fuq bazi ta' *on call* wara l-installazzjoni tas-sistema. Ghalhekk il-Qorti taqbel mas-sottomissjonijiet tas-socjeta ntimata, illi ma tistghax tinzamm responsabbli talli allegatament m'ghamlitx manutenzzjoni tajba tas-sistema, meta s-socjeta ntimata ma kienetx giet inkarigata bil-manutenzzjoni tas-sistema fuq bazi regolari, izda giet inkarigata biss sabiex tippresta s-servizzi taghha meta tigi mitluba specifikatament mir-rikorrenti.

Pero dan ma jghoddx ghax-xoghol li sar mis-socjeta ntimata in segwitu l-*fault* li sehhet fis-sistema, ghaliex f'dak il-punt, is-socjeta ntimata kienet giet mitluba mir-rikorrenti sabiex tippresta s-servizzi taghha biex tisewwa l-hsara li kienet saret, u ghalhekk fir-rigward ta' dak ix-xoghol, kien hemm ftehim bejn il-partijiet.

Il-Qorti rat illi l-Espert Tekniku Keith Tabone ikkonkluda illi:

> "***Clint Buhagiar*** *(…) although probably most of his intentions were done in good faith, he* ***did not follow the correct procedures to recover functionality as soon as possible****. The correct procedure would have been to create a dialtone database which would have immediately given access to email service to the client and not install a second mail server."*

Minn dan il-bran jirrizulta bic-car, illi x-xoghol maghmul mis-socjeta ntimata ghat-tiswija tas-servizz ta' posta elettronika, ma kienx skont is-sengha u l-arti, u ghalhekk il-perjodu ta zmien illi r-rikorrenti ghamlu minghajr access ghas-servizz regolari ta' posta elettronika tad-ditta legali, huwa mputabbli lis-socjeta ntimata.

Fir-rigward tal-kwistjoni tas-*server* pero, il-Qorti tqis illi s-socjeta ntimata m'ghandha l-ebda responsabbilita ghall-akkadut. Mir-rapport tal-Esperti Teknici jirrizulta illi s-*server* kien ilu jindika probabbilita ta' *hard disk crash* sa minn tlett gimghat qabel u hadd mid-ditta legali tar-rikorrenti ma informa lis-socjeta ntimata sabiex tmur tispezzjoni s-sistema u taghmel ix-xoghol neccessarju. Ghalhekk il-htija ta' dak li gara sussegwentement, hija zgur imputabbli lir-rikorrenti *pro. et noe*, ikkonsidrat in-negligenza li urew, meta injoraw avvizi ta' probabblita ta' *hard disk crash* u bl-ebda mod ma provaw jipprevjenu l-akkadut.

Ghalhekk il-Qorti tqis illi ghandha tilqa in parte l-ewwel u t-tieni talba tar-rikorrenti *noe.*

**Ikkonsidrat;**

Permezz tat-tieni talba taghhom, r-rikorrenti talbu illi jigu likwidati d-danni sofferti minnhom *noe.*

Fir-rigward tal-likwidazzjoni tad-danni, ir-rikorrenti issottomettw prospett li jinsab esebit a fol 32- 32, skont liema, d-ditta legali Aequitas Legal ghamlet telf ta' *billing* ta' €20,000,

wara li kkalkulat illi kienet tilfet 33 siegha xoghol, li gie ridott ghal 20 siegha peress li jkun hemm hin li jkun dedikat ghal xoghol amministrattiv u ghalhekk ma jkunx *billable.*

Ir-rikorrenti jissottomettu f'dan il-prospett illi kien hemm telf ta' billing ta' 10 avukati, u li r-rata ta' *billing* taghhom hija s-segwenti:

- 2 *Partners*, b'rata ta' *billing* ta' €210 fis-siegha.
- 4 *Senior Associates,* b'rata ta' *billing* ta' €130 fis-siegha.
- 4 *Associaties,* b'rata ta' *billing* ta' €90 fis-siegha.

Ir-rikorrenti imbaghad hadu medja ta' €100 fis-siegha ghal kull avukat, u din giet ikkalkolata fuq bazi ta' "*gurnata xoghol normali ghal avukat fid-ditta hija ta' ghaxar sieghat"* u kien ghalhekk li wasslu ghas-somma ta' €20,000.

Ir-rikorrent ikkontendew ukoll f'dan il-prospett illi l-ispejjez annwali tad-ditta legali ghas-sena 2008 kien ta' €456,210 u ghas-sena 2009 kienu ta' €565,701, u ghalhekk hadmu fuq medja ta' €495,955.50. Ikkonkludew ghalhekk illi l-ispejjez inkorsi mid-ditta legali riferibbli ghat-33 siegha xoghol mitluf, jammontaw ghal €4,483.98.

Il-Qorti rat illi l-granet li ghalihom qed jirreferu r-rikorrenti fir-rigward ta' meta ma setghax issir xoghol minhabba hsara fis-*server* huma il-15, 16, u 17 ta' Frar 2009. Il-Qorti tirrileva illi **l-15 ta' Frar 2009 kien il-Hadd**, u zgur ghalhekk illi din il-gurnata ma tistghax ttiehed in konsiderazzjoni bhala gurnata ta' xoghol. **Ghalhekk mit-33 siegha xoghol li jallegaw illi tilfu, ghandhom jitnaqqsu 10 sieghat**.

Il-Qorti rat ukoll illi mill-provi jirrizulta illi l-ghada tal-*fault* fis-server, is-socjeta ntimata kienet diga regghat irripristinat is-*server* b'mod li kien hemm access ghal-files u ghall-internet, u anke installat Sistema temporanja tal-*emails.* Il-Qorti tqis ghalhekk illi mhux gust illi r-rikorrenti jippretendu illi s-socjeta ntimata taghmel tajjeb ghal *billable hours* ta' gurnata shiha ghar-rimanenti jumejn meta kien hemm access ghall-files u l-"internet". Ghalkemm illum il-gurnata l-posta elettronika hija ghodda indispensabli ghal professjonisti legali biex jaghmlu xogholhom, huwa inverosimili illi l-avukati kollha tad-ditta legali fis-sena 2009 kienu iqattu' xi seba' sieghat mill-gurnata lavorattiva jibaghtu *emails* biss. Il-

Qorti ghalhekk tqis illi l-ammont ta' sieghat li fuqhom iridu jigu kkalkolati d-danni fir-rigward ta' telf ta' *billable hours* huwa ta' **hmistax -il siegha.**

Illi pero, kif diga gie rilevat aktar il-fuq, dawn id-danni m'humiex kollha imputabbli lis-socjeta ntimata, u dan stante illi, **ir-rikorrenti injoraw avvizi illi kien hemm probabilita kbira ta' *hard drive crash* ghal tliet gimghat shah u m'ghamlu xejn dwar dan sakemm kien tard wisq**. Ghalhekk il-Qorti tqis illi kwalunkwe telf ta' *billable* hours f'dik il-gurnata illi d-ditta legali ma kellhiex access ghas-sistema elettronika taghha huwa imputabbli unikament lir-rikorrenti, u s-socjeta ntimata m'ghandhiex tigi mgieghla thallas danni riferibbli ghal dik il-gurnata. Ghalhekk l-ammont ta' ghaxar sieghat, referibbli ghal gurnata *billable hours* li tilfet id-ditta legali meta falliet il-*hard disk* tas-*server* ghandhom jigu mnaqqsa. Ghalhekk in-numru ta' sieghat li ntilfu li huma mputabbli lis-socjeta ntimata, huma ta' **hames sieghat.**

Fir-rigward tal-*billable hours*, il-Qorti rat illi ghajr il-prospett prezentat minnhom, ir-rikorrenti ma prezentaw l-ebda dokumenti sabiex isostnu l-allegazzjoni taghhom fir-rigward tad-**dhul** tad-ditta legali, bhal ma huma ir-*returns* tat-taxxa, sabiex b'hekk il-Qorti tkun tista' tikkonstata l-impatt illi dawn l-incidenti kellhom fuq id-dhul tar-rikorrenti noe.

Il-Qorti tqis li m'huwiex inverosimili illi bhala *average,* il-*billable hours* tad-ditta legali jistghu jinhadmu fuq medja ta' €100 fis-siegha. Ghalhekk l-ammont ta' danni sofferti taht dan il-kap huwa:

(€100 x 5 sieghat) x 10 Avukati = **€5,000**

Fir-rigward tad-danni sofferti mir-rikorrenti in linja ta' spejjez, il-Qorti tqis illi l-prospett maghmul mir-rikorrenti f'dan is-sens huma kompletament zbaljat. Is-socjeta ntimata ghandha tirrispondi ghal dawk l-ispejjez inkorsi, bi htija taghha, mir-rikorrenti direttament, u mhux l-ispejjez in generali illi d-ditta legali kienet qed thallas kuljum. Huwa gust illi s-socjeta ntimata tirrispondi ghal kwaulwke spejjez li saru mir-rikorrenti fis-sens ta' materjal u *mano d'opera* biex issewwiet il-kanna, u l-pagi tal-impjegati meta dawn ma setghux jahdmu. Izda zgur illi s-socjeta ntimata ma tistghax tigi mgieghla thallas l-ispejjez generali tar-rikorrenti, ghaliex dawn mhux necessarjament huma htija taghha. Fil-fehma tal-Qorti, is-socjeta ntimata ghandha taghmel tajjeb ghas-segwenti:

1. Zieda fil-kont tal-ilma kagun tal-ingress tal-ilma mill-kanna mtqabba mill-haddiema taghha;
2. Paga mhallsa lil impjegati meta dawn ma setghux jahdmu;
3. Materjal u *mano f'opera* ghat-tiswija tal-kanna.

Il-Qorti rat illi r-rikorrenti naqsu milli jipprezentaw kwalunkwe prova f'dan ir-rigward. Ma gabu l-ebda prova fir-rigward ta' kemm hi l-paga tal-impjegati tad-ditta legali, u lanqas gabu prova rigward id-danni sofferti kagun tal-ingress tal-ilma, kemm fis-sens ta' kontijiet u kif ukoll fis-sens ta' tiswija tad-danni. Il-Qorti ghalhekk sejra tillikwida l-ammont ta' danni sofferti taht dan il-kap fis-somma ta' **€2,500.** In vista tat-tnaqqis li jrid isir ghad-danni li m'humiex imputabbli lis-socjeta ntimata, il-Qorti tillikwida l-ammont dovut taht dan il-kap fis-somma ta' **€1,500**.

Ghalhekk, l-ammont dovut mis-socjeta ntimata lir-rikorrenti huwa ta' **€6,500.**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta ntimata sa fejn hu kompatibbli ma' din is-sentenza, tilqa' in parte l-ewwel u t-tieni t-talba tar-rikorrenti, tilqa t-tielet talba u tillikwida l-ammont dovut mis-socjeta ntimata fis-somma ta' sitt elef u hames mitt Ewro (€6,500) u tikkundana lill-istess socjeta ntimata thallas is-somma ta' sitt elef u hames mitt ewro (€6,500), bl-imghax legali dekoribbli mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-pagamenti effettiv.

L-ispejjez ghandhom jithallsu in kwantu ghal zewg terzi (2/3) mis-socjeta ntimata u terz (1/3) mir-rikorrenti.

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**